MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 558/2007

**Talba Nru: 558/07PBC**

**Carmelo Fenech (ID 42960M)**

**Vs**

**Louis Mifsud (ID 147262M) flimkien ma' martu Liliana Mifsud (ID 278668M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm471.28c) u dan kwantu ghas-somma ta' mija u disghin

lira Maltin (Lm190) ghal xoghol ta’ dawl u ilma esegwit fuq inkarigu taghhom f’*semi-basement* proprjeta’ taghhom u kwantu ghal mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm281.28c) rapprezentanti materjal minnu supplit in konnessjoni ma’ l-istess xoghlijiet esegwiti, bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12, datata 13 t’April, 2007 u bl-imghax legali mit-13 t’April, 2007 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi l-konvenut qatt ma gie moghti *invoice* ufficcjali u fiskali stante li l-attur dejjem laghab bl-ammont li huwa dovut. Illi l-konvenut kien offra li jhallas mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm281.28c) fejn sahansitra baghat cekk numru 208 izda dejjem qal li l-ammont mitlub huwa ta’ erba’ mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm471.28c) huwa eccessiv u jammonta ghall-arrikkiment abuziv stante li ma sarx dik il-kwantita’ ta’ xoghol. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez inkluzi dawk ghar-Risposta ghall-ittra ufficjali skond l-Artikolu 166A, kif ukoll l-imghax kontra l-istess attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ Carmelo Grech u ta’ Louis Mifsud.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-verbal ta’ l-access li sar fis-7 ta’ Dicembru, 2007.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur ghamel xoghol ta’ *plumbing* u *elettriku* u dawl gewwa *semi-basement* tal-konvenuti fi proprjeta’ li tinsab ir-Rabat. Waqt l-access il-partijiet ftehmu li attwalment ix-xoghlijiet jikkonsistu f’xoghol ta’ elettriku li sar permezz ta’ *casing* tal-*plastic*, tlett *sockets* doppji u tubu ta’ l-elettriku flimkien ma’

*switch*. Inoltre l-partijiet qablu li l-attur installa *water heater* u anki wahhal *mixer.* Qablu wkoll illi l-attur ghamel xoghol ta' *plumbing* u cjoe' nstalla tank ta' l-ilma, kif ukoll *float switch* u *pressure pump*. L-attur jghid li ghamel ukoll *mixer* fix-*shower* izda dan gie kkontestat mill-konvenut fis-sens illi l-konvenut jallega li dan ma kienx mertu ta' din it-tieni fazi ta' xoghol izda kien inkluz f'xoghol maghmul precedenti. L-attur jghid ukoll illi ghamel xoghol ta' tlestija ghall-*washing machine* izda f'dan ir-rigward il-konvenut qal illi dan kien fl-ewwel xoghol.

L-attur ipprovda *mixer* wiehed, il-*fittings* kollha tad-dawl, il-*casing*, il-pajpijiet ta' l-ilma, l-pompa ta' l-ilma, *float switch* u tank ta' l-ilma u taht it-tank ta' l-ilma hemm sodda tal-*bricks* u njam u *membrane* fuqhom.

Mill-ircevuti esebiti jirrizulta illi l-*casing* ta' l-elettriku, kif ukoll il-kaxxi tas-*sockets* u tas-*switch* u l-istess *switches* u *sockets*, imsiemer sabiex jitwahhal il-*casing* mal-hajt, pompa ta' l-ilma u *float switch* li nxtraw minghand E. Calleja & Sons Limited komplessivament jammontaw ghal mija u tnejn u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm172.76c). Inoltre hemm *cash sale* mahruga minn Charles Ironmongery ta' xi pajpijiet, *stop cock*, *connectors*, *wire*, *mixer* u *Ts* fl-ammont ta' tlieta u tletin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm33.24c), xi materjal mixtri minghand JG Ironmonger ta' tmien liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm8.66c), tank ta' l-ilma ta' hamsa u tletin lira Maltin (Lm35), *cash sale* iehor ta' *adapter, elbow, clips* u *pipes* u *reducer* ta' tmien liri Maltin u zewg centezmi (Lm8.02c).

It-Tribunal jidhirlu illi bejn wiehed u iehor dan il-materjal intuza fuq il-post in kwistjoni, ghalkemm jista' jkun li jkun hemm xi affarijiet li baqghu *extra* bhalma huma *clips*. L-attur jghid li uza xi hmistax-il lira Maltin (Lm15) valur ta' materjal minn tieghu, izda t-Tribunal ihoss li dawn il-hmistax-il lira Maltin (Lm15) huma esagerati u qed jimputa massimu ta' hames liri Maltin (Lm5).

Ghalhekk bhala **materjal** l-ammont komplessiv dovut lill-attur huwa ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu **(Lm262.68c)**.

Ghar-rigward ta' **labour**, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ammont mitlub, tenut kont ta' l-entita' tax-xoghol huwa esagerat. It-Tribunal qieghed jikkalkula illi l-kumpens dovut bhala *labour*, u tenut kont ukoll illi x-xoghol sar bil-*casing* u mhux billi saru trinek ghandu jkun ta' tnejn u tletin lira Maltin (Lm32) ghal xoghol ta' dawl, hamsa u sittin lira Maltin (Lm65) ghal xoghol tal-*mixer,* twahhil ta' *water heater*, it-tank ta' l-ilma, *pressure pump* u *float switch*, biex b'hekk l-ammont totali ta' *labour* huwa ta' sebgha u disghin lira Maltin **(Lm97)**.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont gustament dovut lill-attur huwa ta' tlett mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm359).
Dan l-ammont huwa ftit anqas mill-ammont mitlub mill-attur. Il-konvenut isostni illi qabel ma giet institwita l-kawza huwa offra s-somma ta' mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm281.28c) izda dan l-ammont ukoll huwa inferjuri ghal dak illikwidat minn dan it-Tribunal. Dawn il-fatturi ser jirrifletti fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm359). L-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. L-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal kwart (¼) ghall-attur u tlett kwarti (¾) ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------